FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LLD.,MAG.JUR (EULAW)

ILLUM 8 TA' GUNJU 2016

Il-Pulizija

(Spett Darren Buhagiar)

vs

Lewis Calleja

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 81258m, akkuzat talli:

1. fil-l ta' Settembru 2014 u fix-xhur ta' qabel fil-Marsa u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, impiega jew ta xoghol lil persuna li ma kinitx persuna ezenti u ma kellux licenzja moghtija lilu ghal dak l-impieg jew xoghol skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap 217 tal-ligijiet ta' Malta;
2. taht l-istess cirkostanzi, bhala persuna responsabbli li kien qieghed isir gewwa fond fil-Marsa u nhawi ohra f'Malta, impiega persuna li ma kienx cittadin ta' Malta meta dan il-persuna ma kellux permess validu u ufficjali;
3. fl-istess cirkostanzi bhala principal jew persuna li timpiega persuni ohra full time, part time, jew xort' ohra b'kuntratt definit jew indefiniti jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impleg kif hemm stabbilit fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a sa 10);

Il-Qorti mitluba f'kaz ta' htija sabiex tapplika d-disposizzjonijiet tar-regolament numru 5 tar-Regolamenti dwar Standards Minimi ghal sanzjonijiet u mizuri kontra min ihaddem lil cittadini minn pajjizi terzi b'residenza illegali, Avviz Legali 432 tal-2011 (Ligi Sussidjarja 217.14 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex jinghata dak il-haqq skond il-provvedimenti ta' dan l-istess regolament.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jinsab ampjament pruvat dak li l-imputat qieghed jigi akkuzat bih, senjament, illi fil-11 ta' Settembru 2014 u anka qabel, kellu jahdem fl-istabiliment tieghu persuna kontra l-ligi, stante li ma kienitx persuna ezenti ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kap 217 u priva mill-licenzja li seta' jahdem Malta.

Il-persuna in kwisjoni hi identifikata bhala persuna Afrikana, jisimha Yassaou Ali, li fi kliem testwali tal-imputat kien jahdem fl-istabiliment inkriminat, 19, Flafstone Wharf, Marsa, sporadikament. Jghid l-imputat "ma kienx il-hin kollu jahdem hemm ghax meta kien ikolli bzonn biss kont incempillu jien biex jigi jahdem mieghi" - vide stqarrija tal-imputat validament mehuda ai termini tal-ligi. Fi bran iehor, fil-bidu tal-istess stqarrija, l-imputat jistqarr li huwa direttur u manager tas-socjeta' *C&L Calleja Trading Ltd* li topera mill-istabiliment fuq imsemmi tal-Marsa. Dan il-fatt marbut mal-akkuza jsib konferma cara u inekwivoka minn xhieda li xehdu fil-kors tal-kawza senjatament ta' PC 292 Anthony Farrugia (fol 25 et), John Calleja (Spettur ETC, fol 42 et) fost ohrajn. Intant, l-imputat ghazel li jixhed u spiega r-raguni li kien impiega lill-imsemmi Yassaou , principalment u fl-ewwel lok, billi s-socjeta kienet fin- negozju tal-hut kellha bzonn xi hadd biex inaddaf u t-tieni billi l-imsemmi Yassaou kellu dik li dehret karta tal-identita' Taljana. Zied jghid, suffragat b'xi dokumenti esebiti minn xhud minnu prodott illi kien talab lill-Korporazzjoni tal-Impiegi biex jipprovdulu impiegat izda jidher li ghal xejn. Izda dan mhu ta' l-ebda konfort ghall-imputat salv temperament fil-piena.

Ikkonsidrat:

Li mill-atti processwali ghandhom jirrisultaw kull wahda mit-tlett imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat.

Konsegwentement, issib l-imputat hati tal-akkuzi kollha riportati kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 2,4,5 u 32 tal-Kap 217, r-regolament 3 u 7 tal-Avviz Legali 110/1993, r-regolament 2,3,4 tal-Ligi Sussidjarja 217.14.

Tikkundannah multa ta' €1500.

A.M.Trigona

Magistrat